II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 941/2011

tat-22 ta' Settembru 2011

li jimplimenta l-Artikolu 16(2) u (5) tar-Regolament (UE) Nru 204/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 204/2011 tat-2 ta' Marzu 2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 16(2) u (5) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-2 ta' Marzu 2011, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 204/2011.

(2) B'segwitu għall-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR) 2009 (2011) fis-16 ta' Settembru 2011 u f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/625/PESK tat-22 ta' Settembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2011/137/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja [2], il-listi ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi mniżżlin fl-Annessi II u III għar-Regolament (UE) Nru 204/2011 għandhom jiġu emendati,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-entrati għall-entitajiet imiżżlin fl-Anness għal dan ir-Regolament għandhom jitħassru mil-listi inmiżżlin fl-Assessi II u III għar-Regolament (UE) Nru 204/2011.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Settembru 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

M. DOWGIELEWICZ

[1] ĠU L 58, 3.3.2011, p. 1.

[2] ĠU L Ara l-paġna 30 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

ANNESS

Entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 1

Entrata mħassra mil-lista mniżżla fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 204/2011

5. Libyan National Oil Corporation

Entrata mħassra mil-lista mniżżla fl-Anness III għar-Regolament (UE) Nru 204/2011

29. Zuietina Oil Company (magħrufa wkoll bħala ZOC; magħrufa wkoll bħala Zueitina)